**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT**
**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Kumpilazzjoni Nru.: 193/2020**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Roderick Agius)**

**-Vs-**

**MARK ATTARD**

**Illum, 23 ta' Novembru 2022**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' **MARK ATTARD**, bin Andrew u Rita nee' Muscat imwieled il-Pieta` fil-21 ta' Lulju 1973 li joqghod 5, Triq il-Karmnu, Luqa detentur tal-karta tal-identita' 363073M, tressaq quddiemha akkuzat talli:

Nhar l-1 ta' Ottubru 2019 vicin ir-Roundabout tal-Erbgha Qaddisin Hal Qormi u f'dawn il-Gzejjer ghal habta ta' 12:30hrs;

1. ikkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Hewyn Grech Patignott u/jew persuna ohra, hekk kif iċċertifikat minn Dr. Ryan Borg Med Reg: 6064 mill-Isptar Mater Dei.

2. U aktar talli fl-istess lok, hin u ċirkostanzi ikkaguna feriti ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Elstan Grech Patignott.

3. U aktar talli fl-istess ħin, lok u ċirkostanzi, għamel lil Hewyn Grech Patignott u lil Elstan Grech Patignott u/jew persuni oħra, ingurji jew theddid mhux imsemmijin band' oħra fil-Kapitolu 9 tal-Kodici Kriminali tal-Liġijiet ta' Malta, jew jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li joħroġ barra mill-limiti ta' provokazzjoni.

4. U aktar talli fl-istess, lok, ħin u ċirkostanzi kiser il-bon ordni u l-paċi pubblika, b'għajjat u ġlied.

5. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi saq vettura b'numru ta' registrazzjoni Kalakku b'mod perikoluz, traskurat u negliġenti.

6. U finalment nakkużawh talli fl-istess dati, ħin, lok u ċirkostanzi irrenda ruħu ricediv wara li huwa ġa ġie misjub ħati permezz ta' diversi sentenzi mogħtija mil-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Il-Qorti kienet mitluba ukoll toħroġ ordni ta' Protezzjoni fejn tipprojbixxi lill-imputat milli javviċċina lil Elston u Hewyn Grech Patignott u l-familja tiegħu u r-residenza tagħhom kif ukoll il-post li t-tali persuni jiffrekwentaw.

Semgħet lill-imputat jiddikjara waqt l-eżami li mhux ħati għall-akkużi;

Rat in-nota tal-Avukat Generali tas-17 ta’ Diċembru 2021 fejn, ghall-finijiet tal-Artikolu 370(3)(a) tal-Kodici Kriminali, indika l-artikoli tal-ligi li abbazi taghhom, hemm maħsub li tista’ tinstab ħtija, u ċioe`:

1. Fl-artikoli 214, 215, 216 (1)(a)(ii)(iii), 216 (1)(b), u 216 (2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Fl-artikoli 214, 215, u 221(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Fl-artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. Fl-artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

5. Fl-artikolu 15 (1)(a)(2)(3) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta;

6. Fl-artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Semgħet lill-imputat waqt l-udjenza tas-27 ta’ Jannar 2022 jiddikjara li m’għandux oġġezzjoni li dawn il-proċeduri jiġu trattati u deċiżi bil-proċedura sommarja minn din il-Qorti bħala Qorti tal-Ġudikatura Kriminali;

Semghet ix-xhieda u rat il-provi u d-dokumenti kollha;

Rat l-atti kollha;

Semgħet lil-Prosekuzzjoni tiddikjara fis-seduta tal-14 ta’ Settembru 2022 li m’għandhiex sottomissjonijiet x’tagħmel in linea ta’ trattazzjoni orali;

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet ippreżentata mid-difiza fil-31 ta’ Ottubru 2022;

Rat illi l-partijiet qablu fis-seduta tal-14 ta’ Settembru 2022 li l-kawża tista’ tiġi mħollija għad-deċiżjoni;

Rat illi l-kawża ġiet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Dan huwa każ li nibet minn episodju klassiku ta' *road rage.*

**L-Ispettur Roderick Agius** xehed[1] illi huwa ġie infurmat minn PS 362 fl-1 ta' Ottubru 2019 illi kien hemm argument bejn żewġ aħwa żgħażagħ u Mark Attard ħdejn ir-roundabout magħrufa bħala tal-Imgħallaq ġewwa Triq tal-Erba' Qaddisin, Ħal Qormi. Ikkonferma li f'dan l-inċident l-imputat Mark Attard ġarrab offiżi ta' natura ħafifa filwaqt li wieħed mill-aħwa sofra offiżi ta' natura gravi. Ikkonferma li l-imputat ġie arrestat u għażel li jkun assistit mill-avukat tal-għażla tiegħu waqt l-interrogazzjoni fejn irrilaxxa stqarrija fl-1 ta' Ottubru 2019[2]. Xehed ukoll illi mill-investigazzjonijiet irriżulta li l-imputat kien jaf lil missier iż-żewġ persuni l-oħra li kienu involuti f'dan l-inċident u ż-żewġ naħat kienu wrew ix-xewqa li l-każ ma jitkompliex.

**L-Ispettur Wayne Borg** xehed[3] illi fl-1 ta' Ottubru 2019 meta kien għadu jokkupa l-kariga ta' surġent (PS 362) stazzjonat fl-Għassa tal-Pulizija ta' Ħal Qormi, ġie infurmat minn kollegi tiegħu li kienu għaddejjin fit-triq li kien hemm inċident u hu irkorra fuq il-post flimkien ma' kollegi oħrajn tiegħu fejn sab żewġ vetturi maħbutin biswit xulxin, kważi jmissu ma' xulxin ħdejn ir-roundabout fi Triq tal-Erba' Qaddisin, u konġestjoni sħiħa kif ukoll xi persuni mar-roundabout li kienu ta' perikolu, anke għalihom għax setgħu jweġġgħu. Ikkonferma li dawn iż-żewġ vetturi fil-pożizzjoni li kienu, ma setgħux jinfetħu l-bibien tagħhom tan-naħat li kienu jmissu ma' xulxin. Dawn il-vetturi kienu vann bin-numru ta' reġistrazzjoni 'Kalakku' u vettura BMW bin-numru ta' reġistrazzjoni DCL 148: fil-vann kien hemm tliet persuni, Mark Attard, Michael Schembri u Melanie Schembri filwaqt li fil-vettura kien hemm żewġ aħwa, Elstan u Hewyn Grech Patiniott. Huwa ra demm fuq il-vann l-abjad.

---

[1] Xhieda tal-5 ta' Ottubru 2020.
[2] Fol. 8 *et sequitur*.
[3] Xhieda tal-5 ta' Ottubru 2020.

Ix-xhud kien ħa l-verżjoni ta' Mark Attard waqt li kien fl-ambulanza fejn qallu li kienu ħabtu u kellhom xi jgħidu u ġie aggredit mill-aħwa. Mark Attard qallu wkoll illi kollox beda meta l-vettura BMW qabżitu u x-xufier beda jqoddlu l-horn u jserrep quddiemu u x'ħin waslu mar-roundabout ħdejn xulxin, il-passiġġier fil-vettura BMW beda joffendih u dak il-ħin il-vettura l-oħra għafset fuqu u ħabtet mal-vann tiegħu.

Ix-xhud ikkonferma wkoll illi huwa ra filmat ta' dan l-inċident, liema filmat kien ittella' fuq Facebook minn persuna li kient għaddejja fit-triq dak il-ħin u f'dan il-filmat huwa ra lil Mark Attard, l-imputat, b'lembuba f'idu, wieħed mill-aħwa taħt il-vann tal-imputat li qala' daqqtejn bil-lembuba u l-ieħor kien hemm Michael Schembri fuqu qed iżommu u Mark Attard qiegħed jagħti lilu wkoll bil-lembuba.

Ix-xhud ħa wkoll il-verzjonijiet tal-persuni l-oħra kollha li kienu involuti f'dan l-inċident u xehed dwar dak li stqarrewlu Melanie Schembri, Hewyn Grech Patiniott u Eltan Grech Patiniott.

Xehed illi Elston Grech qallu illi huwa kien passiġġier fil-vettura misjuqa minn ħuh Hewyn. Il-vettura l-oħra waqfet ħdejn tagħhom qabel ir-roundabout u l-persuni f'dan il-vann bdew ikellmuhom b'mod arroganti fejn ix-xufier baqa' jagħfas magħhom sakemm daħal fil-vettura tagħhom. Hu kien indika lill-imputat u lil Michael Schembri bħala l-persuni li niżlu mill-vann biex jagħtu lil ħuh u hu niżel biex jiddefendi lil ħuh.

Meta x-xhud kellem lil Hewyn Grech Patiniott, dan qallu li waqt li kien qed isuq fid-direzzjoni tal-Pavi, kien hemm vann li kien qed jinstaq fin-nofs tat-triq u paqpaqlu biex jersaq ħalli jaqbżu. Dan l-vann għalkemm resaq, ġie warajh u ġew ħdejn xulxin fuq ir-roundabout u l-vann daħal fil-vettura tagħhom. F'daqqa u l-ħin jara lix-xufier jiġġieled ma' ħuh, niżel mill-karozza tiegħu u ġie fl-idejn ma' persuna li ġiet identifikata bħala Michael Schembri, u dawn iż-żewġ persuni baqgħu jagħtu lilu u lil ħuh. Ix-xhud qal ukoll illi skont Hewyn Grech, ħuh waqa' taħt il-karozza iżda xorta waħda l-oħrajn baqgħu ituh u f'ħin minnhom, ġiet il-mara li kienet magħhom u ġabet ħadida li biha hi u x-xufier bdew isawtuh biha kif ukoll bis-sieq u bil-ponn.

**Michael Schembri**, li jiġi missier Melanie Schembri, it-tfajla tal-imputat, xehed[4] illi huwa kien riekeb bħala passiġġier fil-vann tal-imputat flimkien ma' bintu meta għaddiet karozza BMW u l-persuni li kien hemm fiha, l-aħwa Grech Patiniott, bdew idoqqu u jgħajjtu u mbagħad ħabtu fil-vann tal-imputat li dak il-ħin, kien qed isuq bil-mod. Żied jgħid li dawn iż-żewġ persuni niżlu bħal "*vleġġa"* fuq Mark Attard u qabdu jagħtuh f'wiċċu waqt li kien għadu fil-vann, u dan minn ġot-tieqa. Imbagħad l-imputat niżel mill-vann min-naħa tal-passiġġier, fejn it-tnejn l-oħra qabdu jtuh u rahom jiġġieldu "*fuq xulxin kienu*". Imbagħad wieħed minnhom, li x-xhud identifika bħala Elston Grech Patiniott, qabad jagħti lilu kif niżel mill-vann u tefgħu mal-art. Rahom ukoll jitilqu jiġru wara Mark Attard fid-direzzjoni tas-siġra. Michael Schembri xehed ukoll illi meta mbagħad ġew il-Pulizija, wieħed mill-aħwa reġa' imbottah u tefgħuh mal-art quddiem il-Pulizija u ma jafx x'ġara wara.

**Melanie Schembri** is-sieħba tal-imputat, għażlet li ma tixhidx fil-konfront tas-sieħeb tagħha.

**Dr Ryan Borg** xehed[5] illi huwa kien ra lil Hewyn Grech Patiniott fid-Dipartiment tal-Emerġenza fl-1 ta' Ottubru 2019 u kkostata li kellu qasma fuq l-*eyebrow* tax-xellug ta' ċirka tlieta jew erba' ċentimetri tul liema qasma huwa ħithielu bil-punti. Kellu qasma wkoll fil-ġilda ta' xi erba' jew ħames ċentimetri tul fuq in-naħa tal-lemin li wkoll kellha tingħalaq bil-punti, kif ukoll brixx fuq in-naħa ta' wara ta' spallejh u ftit uġigħ f'subajgħ iż-żgħir tas-sieq tax-xellug iżda li ma kienx fih ksur. Ix-xhud ikkostata wkoll li l-pazzjent kellu ftit nefħa f'imnieħru u mill-X-ray li saritlu irriżulta li kellu framment żgħira ta' għadma li tissuġġerixxi li kellu ksur żgħir, iżda frisk, fl-imnieħer u ċċertifika l-ġrieħi bħala gravi. Afferma wkoll li l-pazzjent kien qallu li ġarrab dawn il-ġrieħi meta kien involut f'inċident Ħal Qormi li kien ukoll ixxandar fuq l-aħbarijiet.

---

[4] Xhieda tal-5 ta' Ottubru 2020.
[5] Xhieda tal-14 ta' Lulju 2021.

**Dr. Kenneth Buhagiar** xehed[6] illi huwa kien eżamina lill-imputat Mark Attard fl-2019 fid-Dipartiment tal-Emerġenza, fejn kellu ftit demm ma' mnieħru u daqsxejn nefħa liema ġrieħi huwa kklassifikahom bħala ħfief. Sar X-ray ta' wiċċu u għalkemm ma kellux ksur tal-għadma tal-imnieħer, huwa rrefera lill-pazzjent lid-Dipartiment tal-ENT biex jaraw jekk kien hemm ksur li ma kienx ra fl-*x ray* iżda ma jafx ir-riżultat tal-eżamijiet li saru minn dak id-Dipartiment.

**L-imputat Mark Attard** irrilaxxa stqarrija[7] matul l-interrogazzjoni tiegħu mill-Pulizija fl-1 ta' Ottubru 2019 fejn stqarr illi dakinhar stess huwa kien għaddej bil-vann tiegħu fil-viċinanzi ta' Pavi Supermarket meta qabżitu BMW sewda u bdiet iddoqq il-horn u bdiet ukoll isserrep quddiemu. X'ħin iltaqgħu mar-roundabout u ġew tieqa ma' tieqa, il-passiġġier f'din il-vettura beda joffendih u jgħajjat "*żul min-nofs, warbilna għax int ma tafx min aħna*" u kif qala', din il-vettura rasset miegħu u ħabtet mal-vann tiegħu, ġenb ma' ġenb. Il-passiġġier ħareġ mit-tieqa tal-vettura li kienet qiegħda tmiss mat-tieqa tal-vann tiegħu li kienet imniżżla, u beda jagħtih bil-ponn. L-imputat stqarr illi dak il-ħin huwa qal lil missier it-tfajla tiegħu li kien riekeb maġenbu fuq is-seat tal-passiġġier, biex jinzel mill-vann ħalli jkun jista' jersaq minn mat-tieqa biex ma jkomplix jaqla' u kif il-kunjatu ħareġ mill-vann u hu niżel ukoll mill-bieba tal-passiġġier, ix-xufier tal-BMW niżel u beda jsawwat lill-kunjatu u tefgħu mal-art. L-imputat qal li dak il-ħin hu qabad lix-xufier l-ieħor biex neħħih minn fuq il-kunjatu iżda kif kien qed jagħmel hekk, ġie l-passiġġier u qabad jagħtih. Hu ħarab fid-direzzjoni tar-roundabout iżda hemmhekk wieħed miż-żewġ persuni l-oħra qabad jagħtih.

Stqarr ukoll illi kif irnexxielu jiżgiċċa, huwa reġa' mar jgħin lill-kunjatu għax kien għadu mal-art u kien għadu qed jaqla' iżda peress li kienu tnejn ma setax ilaħħaq magħhom u beda jgħajjat biex xi ħadd iġiblu injama. Xi ħadd, ma jafx min, ġablu injama, jew aħjar, mazza tal-*baseball* ta' kulur iswed, u beda jxejjirha f'liema waqt, wieħed miż-żewġ aggressuri daħal taħt il-vann tiegħu. L-imputat qallu biex ma

[6] Xhieda tal-14 ta' Lulju 2021.
[7] Fol. 8 *et sequitur*.

jiċċaqlaqx u beda jagħti bl-injama u bil-ponn fuq il-bumper tal-vann tiegħu stess biex forsi l-persuna l-oħra wkoll tibża' u tieqaf. L-imputat kompla jistqarr li dak il-ħin l-affarijiet ikkalmaw u mar jiġbor lill-kunjatu minn mal-art fejn l-ieħor kien għadu qed isawtu u hemmhekk beda jxejjer l-injama 'l hawn u 'l hemm u lill-ieħor tah bl-injama. Għalkemm ra d-demm ma jafx jekk id-demm kienx tiegħu jew ta' din il-persuna l-oħra u ma jafx lanqas jekk din il-persuna li taha bl-injama kienx ix-xufier jew il-passiġġier. Dak il-ħin ġie l-Pulizija u pprova jikkalma s-sitwazzjoni iżda wieħed mill-aggressuri reġa' mar isawwat lill-kunjatu filwaqt li l-ieħor baqa' taħt il-vann. Imbagħad ġiet l-ambulanza u ħaduh l-Isptar.

L-imputat stqarr ukoll li hu kien ħareġ mill-Isptar madwar xahar qabel wara li saritlu operazzjoni maġġuri u kien għamel l-aħħar xahar dieħel u ħiereġ l-Isptar fejn kienu neħħewlu l-catether biss fis-27 ta' Settembru 2019 u l-ġurnata ta' qabel ġara dan l-inċident kienet l-ewwel darba li kien reġa' beda jsuq wara l-operazzjoni. Hu sostna li fl-istat li kien jinsab fih dakinhar ma setax jiddefendi ruħu sew.

**L-imputat għażel li jixhed quddiem il-Qorti**[8] fejn żied jgħid li dakinhar tal-inċident kien għadu ġej mingħand it-tabib u fil-vann miegħu kien hemm it-tfajla tiegħu Melanie Schembri u missierha Michael Schembri. Fisser illi minħabba l-operazzjoni li kellu, fejn qalgħulu parti minn ħalqu u ħituhielu mal-partijiet intimi tiegħu, ma setax jimxi ħafna u ma setax jitkellem sew. Qal ukoll huwa ħareġ mill-Isptar fl-14 ta' Settembru 2019 u dam sas-27 ta' Settembru 2019 jiġi rikoverat id-dar sakemm tneħħietlu l-*cathater* u fir-rigward esebixxa ċertifikati mediċi u dokumenti anċillari[9].

Xehed illi meta ż-żewġ vetturi ħabtu, il-passiġġier tal-BMW ħareġ minn ġot-tieqa, poġġa saqajh fuq l-istaffa u qabad jagħtih bil-ponn tant illi fetaħlu n-naħa tal-lemin ta' wiċċu u kellu bżonn il-punti. Kif irnexxielu jitkaxkar barra mill-vann min-naħa tal-passiġġier, huwa sab tnejn min-nies qed isawtu lit-tfajla tiegħu u lill-kunjatu u x'ħin ħareġ, wieħed minnhom beda jagħti lilu. Dak il-ħin hu beda jgħajjat biex iġibulu l-

[8] Xhieda tal-21 ta' April 2022. Fin-nota ta' sottomissjonijiet, intqal li l-imputat għażel li ma jixhdix f'dawn il-proċeduri – dan hu żbaljat.
[9] Dok. MA1 sa MA6, esebiti 30 ta' Mejju 2022.

lembuba minn ġol-vann u meta xi ħadd ġablu l-lembuba, beda jsabbatha mal-art u kif rah hekk wieħed mill-aggressuri daħal taħt il-vann u baqa' hemmhekk taħt il-vann peress li l-kelb tat-tfajla tiegħu beda jinbaħ ġo wiċċu. L-aggressur l-ieħor qabad jagħti lill-kunjatu u hu beda jagħti bil-lembuba mal-art u mal-bumper ta' wara tal-vann tiegħu fejn għad hemm il-marki tad-daqqiet. Xehed ukoll illi qabel waslu l-Pulizija ix-xufier tal-BMW ipparkja l-vettura mal-ġenb u rah ħiereġ xi affarijiet mill-karozza.

L-imputat żied għid illi meta waslu l-Pulizija għall-bidu s-sitwazzjoni kkalmat iżda mbagħad il-persuni l-oħrajn bdew jagħmlu l-arja u wieħed minnhom tar għal fuq il-kunjatu quddiem il-Pulizija u reġa' qabad jagħtih, tant illi l-Pulizija kellu jferraqhom. L-imputat xehed ukoll li hu aċċetta li jmur bl-ambulanza l-Isptar għaliex kellu d-demm ħiereġ minn wiċċu. Fisser ukoll illi hu beda jagħti u jsabbat bil-lembuba mal-art għaliex għaliex beża' li jaqla' daqqa fil-parti tiegħu anke peress li ż-żewġ aggressuri kienu qabdu jagħtu lit-tfajla tiegħu u lill-kunjatu mingħajr ebda raġuni u għalhekk, ried ibeżża' lill-aggressuri biex ma jiġux ħdejh u biex kemm jista' jkun jitilqu 'l hemm. Hu ċaħad li f'xi ħin kien laqat lil xi ħadd mill-aggressuri tiegħu bl-injama għaliex l-iskop tiegħu kien li jbeżżagħhom mhux li jolqothom; qal ukoll illi f'xi ħin wieħed minnhom waqa' mal-art u ħabat mal-bankina meta kien qed jiġġieled mal-kunjatu.

L-imputat ikkonferma illi meta kien l-Isptar wara l-ġlieda, iż-żewġ aggressuri ġew biex jirranġaw miegħu u sar jaf illi huma t-tfal ta' tabib li huwa jinzerta jafu għaliex huwa t-tabib tal-kunjatu tiegħu. Stqarr ukoll illi meta sar jaf b'dan, huwa talab lill-Ispettur biex jirranġa l-affarijiet u skuża ruħu magħhom filwaqt li kkonferma li llum huma saru ħbieb kbar ta' xulxin.

Ikkunsidrat;

L-imputat qed jiġi mixli li kkaġuna offiżi volontarji fuq Hewyn Grech Patiniott u Elstan Grech Patiniott taħt l-Artikolu 216 u l-Artikolu 221(1) rispettivament[10].

Għalkemm mhux kontestat mill-imputat illi huwa kien involut fil-ġlieda ma' Elstan u Hewyn Grech Patiniott u kien ġie fl-idejn magħhom, tant illi *ex admissis* beda jagħti 'l hawn u 'l hinn b'lembuba biex igerrex lill-persuni li allegatament aggredewh, il-provi li ressqet il-Prosekuzzjoni m'humiex biżżejjed biex jinstawraw f'moħħ il-Qorti konvinċiment morali lil hinn minn kull dubju raġjonevoli dwar il-ħtija tal-imputat għall-ewwel żewġ imputazzjonijiet, ċioe' li ikkaġuna offiżi fuq l-imsemmija aħwa Grech Patiniott.

Il-Qorti tibda biex tosserva illi l-Prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda prova kwalsiasi dwar xi offiżi li ġarrab Elstan Grech Patiniott, la ċertifikat mediku jew ritratti tal-ġrieħi allegatament sofferti, u lanqas ix-xhieda ta' tabib li seta' eżaminah wara l-ġlieda. Dan in-nuqqas ta' prova jfisser illi l-imputat ma jista' qatt jinstab ħati li kkaġuna xi offiżi fuq il-persuna tal-imsemmi Elstan Grech Patiniott u għaldaqstant mhux meħtieġ li jsir xi analiżi tal-provi li għandhom x'jaqsmu mat-tieni imputazzjoni.

Għall-kuntrarju, huwa ppruvat mix-xhieda ta' Dr. Ryan Borg illi Hewyn Grech Patiniott ġarrab offiżi ta' natura gravi ai termini tal-Artikolu 216(1)(b) tal-Kap. 9.

Dan jipprovdi li l-offiża fuq il-persuna hija gravi, *inter alia*:-

*(b) jekk iġġib mankament jew sfreġju fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż;*

Fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti, jirriżulta mix-xhieda ta' Dr. Ryan Borg illi kien eżamina lil Hewyn Grech Patiniott fid-Dipartiment tal-Emerġenza fl-1 ta' Ottubru 2019, li kellu qasma fuq l-*eyebrow* tax-xellug li kienet teħtieġ il-punti. Offiża bħal din indubbjament tirrientra fid-definizzjoni ta' sfreġju fil-wiċċ u huwa irrelevanti l-

[10] Ara nota tar-rinviju għall-ġudizzju –17 ta' Diċembru 2021.

permanenza o meno ta' dan l-isfreġju. L-isfreġju, diversament minn mankament, hija kull ħsara li tista' ssir fir-regolarita' u fl-armonija tal-lineamenti ta' dawn il-partijiet tal-ġisem tal-parti offiża. Skont l-insenjament paċifiku in materja, biex l-offiża titqies bħala sfreġju, din trid tkun viżibbli "*minn distanza li hi dik 'li soltu jkun hemm bejn in-nies meta jitkellmu ma' xulxin*"[11] iżda mhux rikjest li din il-ħsara tibqa' hekk viżibbli għal xi żmien stabbilit. Kollox jiddependi mill-entita` tal-ħsara: mhux importanti x'tissejjaħ il-ħsara f'termini mediċi jew popolari ghaliex dak li hu importanti hu **l-entita' tal-ħsara li tkun ġiet imġarrba**.

Ġie ritenut ukoll:-

"*Sabiex tkun skontata l-prova tar-reat kontemplat fl-artikolu 216(1)(b) huwa bizzejjed li l-offiza tħalli mankament jew sfregju, f'dan il-kaz mankament, fuq l-idejn jew fuq il-wicc u l-kwistjoni ta' permanenza jew possibilita' jew probabilita' ta' permanenza ma jiccentraw xejn in rigward. ... il-liġi ma tirrikjedix li l-isfregju jipperdura ghal zi zmien partikolari.* ***Sfregju fil-wicc, fil-ghonq jew f'wahda mill-idejn anke jekk ta' ftit granet jibqa' sfregju ghall-finijiet ta' l-imsemmija disposizzjoni.*** *Il-permanenza ta' l-isfregju hi relevanti biss meta, abbinata mal-gravita', taghti lok ghal-hekk imsejha "offiza gravissima" skond l-artikolu 218(1)(b) tal-Kodici Kriminali.*"[12] (emfasi ta' din il-Qorti)

Fir-rigward, il-Qorti tirreferi wkoll ghal dak li ntqal sussegwentement mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Antonio sive Anthony Randich**, deċiża fit-2 ta' Settembru 1999:-

*"Kif din il-Qorti kellha l-opportunita` li tirrimarka f'okkazzjonijiet ohra, l-isfregju ('disfigurement') fil-wicc (jew fl-ghonq jew fl-id) kontemplat fl-artikolu 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali jista' jkun anke ta' natura temporanea, bhal, per ezempju, sakemm il-ferita tfiq. Huwa biss fil-kaz tal-hekk imsejjha 'offiza gravissima' fl-artikolu*

[11] **Il-Pulizija vs Emily Zarb** Appell Kriminali, deciz 15.2.58, Kollezz. XLII.iv.1245, 1248.
[12] Appell Kriminali : **Il-Pulizija v. Luke Sciberras**, deċiż 28 ta' Mejju 2018.

*218(1)(b) li l-ligi tirrikjedi l-permanenza (oltre l-gravita`) ta' l-isfregju. Mir-ritratti esibiti din il-Qorti tara li l-ewwel Qorti setghet legalment u ragjonevolment tikkwalifika l-offiza f'wicc Sultana bhala sfregju (ghalkemm mhux gravi u anqas permanenti) peress li dik l-offiza kienet tiddisturba l-armonija tal-lineamenti tal-wicc u kienet tidher minn distanza normali."*

Għall-Qorti, il-fatt li mix-xhieda ta' Dr. Ryan Borg - liema xhieda waħedha hija prova suffiċjenti tal-fatt tal-offiża irrispettivament minn jekk iċ-ċertifikat relattiv ġiex esebit fl-att - il-ferita f'wiċċ Hewyn Grech Patiniott kellha bżonn il-punti u għalhekk kienet teħtieġ mill-inqas ftit ġranet biex tfiq, ifisser neċessarjament illi huwa ġarrab sfreġju fit-termini tal-paragrafu (b) tal-Artikolu 216(1) tal-Kap. 9.

Ikkunsidrat;

Stabbilit dan iżda, huwa fatt illi ż-żewġ allegati vittmi ma xehdux f'dawn il-proċeduri biex jagħtu l-verżjoni tagħhom dwar kif żvolġa l-inċident mal-imputat, id-dinamika tal-ġlieda u kif spiċċaw ġarrbu l-ġrieħi li allegatament soffrew. Il-Qorti għandha quddiemha biss il-verżjoni tal-imputat u ta' Michael Schembri, il-kunjatu tiegħu. Ma ġiex esebit lanqas il-filmat tal-inċident li għamel aċċenn għalih l-Ispettur Wayne Borg fix-xhieda tiegħu. **Il-Qorti fliet ix-xhieda fil-proċess iżda mkien ma riskontrat xi prova li l-imputat li laqat proprju lil Hewyn Grech Patiniott kemm bil-lembuba jew jew b'xi daqqa oħra matul il-ġlieda u kkaġunalu dawk il-feriti li xehed dwarhom Dr. Ryan Borg. Dan qed jingħad għaliex f'din il-ġlieda kien hemm involuti ż-żewġ aħwa, l-imputat, Michael Schembri kif ukoll Melanie Schembri filwaqt li l-Ispettur Wayne Borg xehed illi skont ma qallu Hewyn Grech Patiniott, hu kien ġie fl-idejn ma' Michael Schembri u kienet il-mara li kienet magħhom li flimkien mal-imputat, bdiet issawtu bil-lembuba**.

Għalkemm l-imputat fl-istqarrija tiegħu ammetta li huwa kien qed ixejjer l-injama "*left, right and centre*" u ta bl-injama lill-persuna li dak il-ħin kien qed isawwat lill-kunjatu, ma jafx fejn kien laqat lil din il-persuna u lanqas jaf min kien, jekk hux ix-

xufier jew il-passiġġier tal-vettura l-oħra għalkemm stqarr li kien ix-xufier tal-vettura l-oħra li kien qed isawwat lill-kunjatu. Imbagħad, Michael Schembri minn fuq il-pedana tax-xhieda identifika lil Elstan Grech Patiniott prezenti fl-awla bħala l-persuna li aggredih u tefgħu mal-art, fatt li kif rajna, hu affermat mix-xhieda tal-Ispettur Wayne Borg.

Għandu jingħad ukoll illi filwaqt li l-Qorti fehmet li kemm l-imputat kif ukoll Michael Schembri kienu involuti separatament kif ukoll flimkien f'kollutazzjonijiet fiżiċi mal-aħwa Patiniott jew wieħed minnhom f'waqtiet differenti tal-inċident, **m'huwiex ċar mill-provi jekk Hewyn Grech Patiniott kienx f'kuntatt dirett mal-imputat u mal-lembuba li kien qed juża waqt il-ġlieda u kif ġarrab il-feriti li xehed dwarhom Dr. Ryan Borg**. Wieħed irid iżomm f'moħħu wkoll li l-imputat xehed illi xi ħadd mill-aħwa Grech Patiniott waqa' mal-art u ħabat mal-bankina meta kien qed jiġġieled mal-kunjatu tiegħu, Michael Schembri, verżjoni li ma ġietx kontradetta mix-xhieda li ressqet il-Prosekuzzjoni.

Għaldaqstant, il-Qorti m'hijiex konvinta li ġie ppruvat kif imiss li kien l-imputat u ħadd iktar ħlief l-imputat li kkaġuna l-offiżi li ġarrab Hewyn Grech Patiniott f'dan l-inċident u għalhekk tqis li l-Prosekuzzjoni naqset milli tistabbilixxi l-prova meħtieġa għas-sejbien ta' ħtija għar-reat addebitat fl-ewwel imputazzjoni, lil hinn minn kull dubju raġjonevoli.

Ikkunsidrat;

Iżda lil hinn minn dan u biex tittratta l-eċċezzjoni tal-leġittima difesa sollevata mid-difensuri tal-imputat waqt it-trattazzjoni, il-Qorti hija tal-fehma illi f'kull każ, anke kieku għal mument kellha tinstab ħtija fl-imputat għal xi offiżi li ġarrbu l-allegat vittmi f'dan il-każ, ma tistax issib ħtija fl-imputat għaliex mill-provi li għandha quddiemha, jirriżulta li din id-difiża hija tajba.

Tibda billi tosserva illi l-verżjoni tal-imputat dwar id-dinamika tal-inċident mal-aħwa Grech Patiniott baqgħet pju' o meno konsistenti bejn (i) dik li rrilaxxa lill-uffiċjal tal-Pulizija li kien irkorra fuq il-post tal-inċident u ħa l-verżjoni tal-partijiet kollha involuti, (ii) l-istqarrija li rrilaxxa waqt l-interrogazzjoni tiegħu u (iii) ix-xhieda tiegħu quddiem il-Qorti.

Ħlief għall-fatt illi fil-verżjoni li kien irrilaxxa lil PS 362 Wayne Borg[13] jidher li l-imputat ma kienx semma l-fatt li kellu lembuba u kien sabbatha mal-art u mal-bumper tal-vann tiegħu, il-verżjonijiet li għandha quddiemha l-Qorti huma lkoll konsistenti fir-rigward tal-fatt illi ż-żewġ aħwa Patiniott, minnufih kif ħarġu mill-vettura tagħhom, taru għal fuq l-imputat u sawtuh waqt li kien għadu fil-vettura, u xi ħadd minnhom beda jsawwat lil Michael Schembri. Jirriżulta ppruvat ukoll[14] illi l-aggressjoni manifestata miż-żewġ aħwa kompliet timmanifesta ruħha anke meta waslu l-ewwel uffiċjali tal-Pulizija fuq il-post, fejn wieħed mill-aħwa reġa' aggredixxa lil Michael Schembri u tefgħu mal-art fil-prezenza tal-istess Pulizija.

Jekk f'dan il-kwadru ta' fatti kellu jirriżulta li effettivament l-imputat aġixxa għad-difiża tiegħu jew ta' ħaddieħor u l-elementi kollha meħtieġa għas-suċċess tad-difiża legittima kif invokat mill-imputat, huma ppruvati, ma jkun ġie kommess l-ebda reat kriminali kwalsiasi u l-imputat jinħeles minn kull ħtija kriminali għad-delitt li altrimenti jirriżulta ppruvat.

Illi kif inhuwa risaput, ir-*ratio legis* wara l-istitut tal-leġittima difiża huwa d-dritt għall-awto-tutela ta' persuna jew ta' persuna oħra b'tali mod illi anke qtil isir ġustifikat jekk l-elementi kollha meħtieġa għas-suċċess tad-difiża jiġu stabbiliti. Din id-difiża, li jeħtieg li tirriżulta ghall-inqas fil-grad tal-probabbli fuq il-preponderanza tal-provi, hija maħsuba fl-Artikolu 223 tal-Kodici Kriminali :-

[13] Illum Spettur Wayne Borg.
[14] Xhieda ta' Michael Schembri u stqarrijia tal-imputat tal-1 ta' Ottubru 2019, fol. 8 *et seq*.

*Ma hemmx reat meta l-omiċidju jew l-offiża fuq il-persuna huma ordnati jew permessi mil-liġi jew mill-awtorità leġittima, jew meħtieġa mill-bżonn attwali tad-difiża leġittima ta' wieħed innifsu jew ta' ħaddieħor.*

Fi kliem sempliċi, din id-difiża tiġi ravviżata meta persuna tkun sabet ruħha wiċċ imb'wiċ ma' aggressjoni li hija inġusta u ma tkunx tista' raġjonevolment tirrikorri għal mezzi oħra biex taħrab minn jew tevita dak il-periklu jew inkella li tirrikorri lejn l-Istat sabiex iħarisha mill-periklu u għalhekk tispiċċa kostretta tuża mezzi hija stess biex thares lilha innifisha minn dak il-periklu li jkun attwali, gravi u inevitabbli, fejn ir-rejazzjoni trid tkun ukoll waħda proporzjonata ghall-minaccja/aggressjoni. Għas-suċċess ta' din id-difiża, dawn l-elementi jridu jirriżultaw għall-inqas fil-grad tal-probabbli fuq il-preponderanza tal-provi.

Dawn it-tliet elementi ġew spjegati b'mod mill-iktar elokwenti fis-sentenza **Repubblika ta' Malta vs Mariano Grixti**[15]:-

"*Id-dritt ghall-legittima difesa jitwieled u huwa konsegwenza naturali mid-dritt fundamentali ta' kull bniedem li jipprotegi lilu nnifsu minn xi aggressjoni jew dannu anke bl-uzu ta' forza. Izda il-ligi timponi certi kundizzjonijiet biex din l-eccezzjoni tigi milqugha. Cioe' t-theddid ta' xi aggressjoni jew dannu jew perikolu irid ikun ingust, gravi w inevitabbli. Id-difiza trid tkun saret biex jigu evitati konsegwenzi li jekk* [javveraw] *ruhhom jikkagunaw hsara irreparabbli lid-difensur jigifieri hsara jew offizi fil-hajja, gisem u/jew partijiet tal-gisem tad-difensur. L-imputat difensur irid jipprova li dak li ghamel, ghamlu stante li fl-istat psikologiku li kien jinsab fih f'dak il-mument biex jevita xi perikolu li ma setghax jigi evitat b'xi mod iehor. Jigifieri il-perikolu ghandu jkun attwali, istantaneju u assolut u ma jridx ikun xi perikolu anticipat. Il-perikolu ghandu jkun attwali jigifieri ta' dak il-hin u mhux xi theddida ta' perikolu li tkun saret hinijiet qabel ghax dan jista jaghti lok biss ghal provokazzjoni u*

[15] Qorti tal-Appell [Superjuri] 3 ta' Ottubru 2018. Ara wkoll: **Il-Pulizija vs Joseph Psaila**, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali 20 ta' Jannar, 1995.

*mhux difesa legittima. Il-perikolu irid ikun assolut cioe' li f'dak il-mument li qed jsehh ma setghax jigi evitat b'xi mod iehor. "*

Kif ingħad fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Allan Galea**[16], id-deċiżjoni li biddlet il-ħsieb tradizzjonali dwar din l-iskriminanti hija **Ir-Repubblika ta' Malta vs Dominic Briffa**, li amplifikat fuq id-deċiżjoni **Ir-Repubblika ta' Malta vs Frangisku Fenech** u fejn kien superjorment deċiż illi:

*"Din il-Qorti hi tal-fehma li llum ma tistax izjed taccetta bhala proposizzjoni assoluta illi (barra, naturalment, mill-kaz tal-"commodus discessus") jekk l-aggredit seta' jevita l-hsara, allura kien tenut jahrab u illi jekk ma jahrabx ma jistax minhabba f'hekk jinvoka din l-iskriminanti; izda fl-istess hin ma tahsibx li tista' taghti salvakondott ghall-ispavalderija zejda. ...*

...

*Din il-Qorti, kif issa komposta, tazzarda zzid li l-mod kif il-kwistjoni ta' l-inevitabilita` tal-perikolu jew minaccja ghandha tigi affrontata hu li wiehed jistaqsi:* ***l-agent (ossia l-aggredit) seta', tenut kont tac-cirkostanzi kollha, ragjonevolment jevita dak il-perikolu jew dik il-minaccja? Jekk il-buon sens jiddetta li l-agent seta', billi jaghmel manuvra jew pass f'direzzjoni jew ohra, jew anke billi semplicement ma jiccaqlaqx, facilment jevita l-periklu jew minaccja li kien qed jara fil-konfront tieghu, allura, jekk ma jaghmilx hekk jigi nieqes l-element tal-inevitabilita` tal-perikolu jew minaccja. Jekk, pero`, mill-banda l-ohra, tenut kont tac-cirkostanzi kollha, il-buon sens jiddetta li l-agent ma kellu jaghmel xejn minn dan jew, anzi, kellu jibqa' ghaddej fit-triq li twasslu aktar qrib dak il-perikolu jew dik il-minaccja, allura b'daqshekk ma jigix nieqes l-element ta' l-inevitabilita`****."*[17] (emfasi ta' din il-Qorti)

[16] Deċiża 14 ta' Ġunju 2018.
[17] Deciza 16/10/2003.

Applikat dan l-insenjament għall-fattispeċje tal-każ li għandha quddiemha l-Qorti, anke jekk kif diġa' ngħad, il-provi tal-Prosekuzzjoni huma wisq fjakki biex twassalha tikkonkludi b'xi qies ta' ċertezza li l-feriti riskontrati fuq il-persuna ta' Hewyn Grech Patiniott kienu kkaġunati mill-imputat u minn ħadd iktar ħliefu, hija konvinta illi f'dan il-każ, abbażi tal-provi li għandha quddiemha, l-imputat aġixxa għaliex ġie rinfaċċjat bl-aggressjoni inġusta tal-aħwa Grech Patiniott, li ħarġu mill-vettura tagħhom u bdew isawtuh waqt li kien għadu fil-vann tiegħu u bdew isawtu wkoll lill-kunjatu tiegħu, raġel ta' sebgħa u sittin sena u tefgħuh mal-art. Il-Qorti ma taqbilx li l-fatt illi l-imputat ħareġ mill-vettura wara li ġie imsawwat minn wieħed mill-aħwa, għandu jxejjen is-suċċess ta' din id-difiża anke għaliex jirriżulta li meta Michael Schembri niżel mill-vann, beda jiġi aggredit minn wieħed minn dawn iż-żewġ aħwa. L-imputat korroborat minn Michael Schembri, xehed illi kif huwa ħareġ mill-vann wara li ġie msawwat ġo wiċċu minn ġot-tieqa tal-vann, iż-żewġ aħwa marru fuqu u bdew jiġġieldu miegħu u telqu jiġu warajh ukoll. Kien f'dan il-waqt li l-imputat talab għall-injama ossia lembuba għaliex *ex admissis*, ried ibeżżża' lill-aggressuri biex ma jiġux ħdejh u biex kemm jista' jkun jitilqu 'l hemm, anke peress li ż-żewġ aggressuri kienu qabdu jagħtu lit-tfajla tiegħu u lill-kunjatu mingħajr ebda raġuni. Stqarr ukoll li beda jxejjer din il-lembuba 'l hawn u 'l hemm biex igerrex lill-aggressuri - tant illi wieħed minnhom daħal taħt il-vann - u beda wkoll isabbatha mal-art u mal-bumper tal-vann u anke ta biha lill-ieħor li dak il-ħin kien qed jagħti lil Michael Schembri iżda ma jafx fejn laqtu.

Il-Qorti ħadet qies ukoll tal-fatt li b'riżultat tal-kollutazzjoni mal-aħwa Patiniott, l-imputat ġarrab ġrieħi ħfief konsistenti f'demm ma' imnieħru u nefħa. Ikkunsidrat ukoll il-verżjoni konsistenti tal-imputat, konfortata minn provi dokumentarji, illi dak iż-żmien huwa kien qed jirkurpa minn operazzjoni serja fil-parti intima tiegħu (*bulbar urethroplasty*) u billi ma setax jiddefendi ruħu sew, kien qed jibża' li minħabba din l-aggressjoni huwa jintlaqat u jerġa' jġarrab ħsara f'dik il-parti ta' ġismu.

Il-Qorti temmen din il-verżjoni u fin-nuqqas ta' provi kuntrarji, tqisha bħala raġjonevoli u ppruvata sal-grad tal-probabbli: hija sodisfatta li f'din il-kollutazzjoni l-

imputat aġixxa għad-difiża leġittima tiegħu u tal-kunjatu tiegħu meta ġie rinfaċċjat bl-aggressjoni inġusta u gravi tal-aħwa Patiniott. Hija sodisfatta wkoll li dak li għamel l-imputat għamlu għaliex l-istat psikologiku li kien jinsab fih f'dak il-mument iddireġieh biex jevita perikolu li kien attwali u inevitabbli fis-sens imfisser mill-ġurisprudenza l-iktar reċenti, u b'hekk ma tistax issibu ħati li kkommetta ir-reat addebitat fl-ewwel imputazzjoni.

Ikkunsidrat;

Illi fit-tielet imputazzjoni, l-imputat ġie mixli li għamel lil Hewyn Grech Patiniott u lil Elstan Grech Patiniott inġurji jew theddid mhux imsemmijin band'oħra fil-Kodiċi Kriminali, liema inġurji jew theddid, anke jekk jirriżulta li huwa ġie provokat, jeċċedu l-limiti tal-provokazzjoni. Iżda minnufih jingħad li dan ir-reat kontravvenzjonali, taħt l-Artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9 m'huwiex ippruvat għaliex ħadd mix-xhieda li xehdu f'din il-kawża ma xehed li l-imputat hedded jew inġurja lill-aħwa Patiniott.

Wieħed irid iżomm f'moħħu li l-Kodiċi Kriminali jipprospetta r-reat kontravvenzjonali taħt l-Artikolu 339(1)(b) ċioe' r-reat ta' theddid bil-ġebel jew bi ħwejjeġ oħra iebsin mingħajr ma l-vittma jindarab jew jissawwat u għalhekk, it-theddid addebitat fir-raba' imputazzjoni ma jistax ikun qiegħed jirreferi għat-theddid li jirriżulta li wettaq l-imputat meta xejjer l-injama 'l hawn u 'l hemm, kif ammetta huwa stess fl-istqarrija tiegħu. Billi m'hemm l-ebda prova oħra ta' theddid u lanqas ta' inġurji, il-Qorti ma tistax ħlief tillibera lill-imputat mit-tielet imputazzjoni.

Ikkunsidrat;

Illi fir-raba' imputazzjoni l-imputat qed jiġi mixli bir-reat kontravvenzjonali taħt l-Artikolu 338(dd) tal-Kap. 9 ċioe' li kiser volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'għajjat u ġlied. Iżda billi l-Qorti kkonkludiet diġa' illi l-imputat aġixxa in leġittima difesa u kwindi ma kkommettix reat kriminali meta huwa ġġieled mal-aħwa Grech Patiniott u meta xejjer il-lembuba li ġabitlu Melanie Schembri mill-vann tiegħu

biex igerrex lill-aggressuri tiegħu, ma tistax f'dawn l-istess azzjonijiet, issib ħtija għall-ksur tal-bon ordni u paċi pubblika.

Ikkunsidrat;

Il-ħames imputazzjoni taddebita lill-imputat ir-reat taħt l-Artikolu 15(1)(a) tal-Ordinanza dwar it-Traffiku (Kap. 65). L-imputat ġie mixli li saq il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni Kalakku b'mod perikoluż, traskurat u negliġenti.

Gie ritenut in materja illi:-

"*Sewqan traskurat (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola, il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita` ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll ghal sewqan traskurat.*"[18]

X'jikkostitwixxi imbagħad, perikolu fis-sewqan jew sewqan bla kont, huwa ben stabbilit fis-sistema ġuridika tagħna. Fid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Alfred Mifsud** tas-6 ta' Mejju 1997[19] , intqal hekk:-

"*Sewqan bla kont hu deskritt ... bhala sewqan 'bi traskuragni kbira'. Din it-tieni ipotesi, jigifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira u tinkludi l-kazijiet fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandux jiehu minhabba l-probabbilita' ta' hsara li tista' tirrizulta lil terzi, kif ukoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji. Sewqan perikoluz (dangerous driving) jirrikjedi li fil-kaz partikolari s-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi jew ghall-proprjeta` taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kienx hemm dana l-*

[18] **Il-Pulizija vs. Michael Grech** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-20 ta' Frar 2007.
[19] Vol. LXXXI.iv.157.

*perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-hin u l-lokalita` ta' l-incident u l-presenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel.* [...]"

Il-Qorti, fil-qies tal-iskarsezza tal-provi dwar il-mod kif kien qed isuq l-imputat - sewqan li madankollu jidher li urta jew fixkel lix-xufier tal-vettura BMW - u minħabba li fil-provi li għandha quddiemha ma hemm xejn li juri li l-imputat wettaq xi manuvra illegali jew riskjuż, hija tal-fehma li ma tistax issib htija fl-imputat li saq b'manjiera traskurata. Wisq anqas li s-sewqan tieghu kien wiehed bla kont u perikoluz. Għall-kuntrarju, ix-xhieda li xehdu quddiem il-Qorti xehdu illi kienet il-vettura BMW li ma kienetx qed tinstaq b'mod prudenti u bil-galbu. Fil-fatt, l-imputat u Michael Schembri t-tnejn xehdu li din il-vettura qabżithom, bdiet isserrep quddiemhom u meta waslu biswit xulxin mar-roundabout, din rasset il-vann u daħlet ġo fih. Il-fatt waħdu li x-xufier tal-vettura BMW seta' nħasad b'xi manuvra tal-imputat jew il-fatt li l-imputat seta' kien qed isuq bil-mod jew lejn in-nofs tat-triq, ma jikkostitwixxix neċessarjament sewqan traskurat.

Għaldaqstant, filwaqt li huwa ppruvat li l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni hija liċenzjata f'isem l-imputat u illi kienet qed tinstaq mill-imputat fil-ħin u lok imsemmijin fiċ-Ċitazzjoni, l-imputat ma jistax jinstab ħati tal-ħames akkuża.

In konklużjoni, billi l-imputat mhu qed jinstab ħati ta' ebda waħda mill-imputazzjonijiet, ma jistax jinstab ħati li huwa għamel reat wara li kien diġa' kkundannat għal reat b'sentenza oħra. Konsegwentement, l-addebitu tar-reċidiva ma jirriżultax.

**Għal dawn il-motivi, ma ssibx lill-imputat MARK ATTARD ħati ta' ebda waħda mill-imputazzjonijiet miġjuba kontrih u konsegwentement qiegħda tilliberah minn kull ħtija u piena.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**